

Brussell, 17 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11915/23
ADD 1

ENV 869
COMER 93
MI 627
ONU 49
SAN 459
IND 400
DELECT 102

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 4683 final
Suġġett:	ANNEX tar-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju soġġetti għal projbizzjonijiet fuq il-manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2023) 4683 final.

Mehmuż: C(2023) 4683 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2023
C(2023) 4683 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' prodotti miżjudin bil-merkurju soġġetti għal projbizzjonijiet fuq il-
manifattura, l-importazzjoni u l-esportazzjoni**

ANNEX

Il-Parti A tal-Anness II hija emendata kif ġej:

(1) tiddaħħal l-entrata 3a li ġejja:

Prodotti miżjudin bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjudin bil-merkurju huma pprojbiti
“3a. Lampa fluworexxenti kompatti bil-ballast integrat (CFL.i) għal skopijiet ta’ tidwil ġenerali li huma ≤ 30 watts b’kontenut ta’ merkurju li ma jaqbiżx it-2,5 mg għal kull berner tal-lampa.	31.12.2025”;

(2) tiddaħħal l-entrata 6 a li ġejja:

Prodotti miżjudin bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjudin bil-merkurju huma pprojbiti
“6 a. Lampa fluworexxenti b’katodu kiesaħ (CCFL) u lampa fluworexxenti bl-elettrodi esterni (EEFL) ta’ kwalunkwe tul għall-unitajiet tal-wiri elettroniċi, li mhumiex inklużi fl-entrata 6.	31.12.2025”;

(3) jiżdiedu l-entrati 10 u 11 li ġejjin:

Prodotti miżjudin bil-merkurju	Data li minnha l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-manifattura tal-prodotti miżjudin bil-merkurju huma pprojbiti
“10. L-apparati elettriċi u elettroniċi tal-kejl li ġejjin ħliet daww installati f’tagħmir fuq skala kbira jew daww użati għall-kejl bi preċiżjoni kbira, fejn ma jkun hemm disponibbli l-ebda alternattiva xierqa bla merkurju: (a) trasdutturi tal-pressjoni tat-tidwib; (b) trażmetturi tal-pressjoni tat-tidwib; (c) sensuri tal-pressjoni tat-tidwib.	31.12.2025

<p>11. Prodotti oħra miżjudin bil-merkurju:</p> <ul style="list-style-type: none">(a) Pompi tal-vakwu bil-merkurju;(b) Piżijiet tal-ibbilanċjar tat-tajers u tar-roti;(c) Films u karti fotografiki;(d) Propellant għas-satelliti u l-inġenji spazjali;	<p>31.12.2025”.</p>
--	---------------------